MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru. 14/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**James Abela**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra James Abela ta' 32sena iben John u Anna nee' Zammit mwieled l-Awstralja fid-19 ta' Settembru 1974 u residenti 'Geranium' Flat 3, Triq ic-Cern San Pawl il-Bahar, ID 260992 (M).**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Jannar 2007 u matul l-erba' xhur ta' qabel din id-data**

**(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta**

**ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**(b) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-u¿u ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolu¿i (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Ukoll talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-31 ta' Lulju 1998 u 16 ta' Settembru 1998 u 24 ta' Marzu 1999, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**3. Ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2006.**

**Rat li l-imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrieh fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti.**

**Rat li fis-seduta ta' llum 18 ta' Jannar 2010 huwa mhux biss kkonferma din l-ammissjoni izda wkoll ammetta l-parti mibdula li kienet saret minhabba li giet sostitwita t-tielet imputazzjoni, flok wahda b'kundizzjoni miksura imma b'reat fi zmien operattiv ta' sentenza sospiza.**

**Ghal daqstant l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat bit-tielet wahda kif mibdula gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kap 9 kif wkoll ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kap 101 kif wkoll l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii), 22 (1B) ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u waqt li qed iggib fis-sehh is-sentenza sospiza tat-18 ta' Ottubru 2006, qed tikkundana lill-imputat ghal piena komplessiva ta' 22 xahar u ghall-hlas ta' multa ta' 1400 Euro, liema multa tista' tithallas fi zmien tliet snin milllum. Jekk il-multa ma tithallasx, allura din tinbidel f'habs b'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga that il-harsien tar-Registratur.**

**Fuq talba tad-difiza, il-Qorti qed zzid wkoll illi qed tirrakkomanda li l-imputat jekk jista' jkun jithalla jibda jew ikompli l-programm.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------